MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2003

Rikors Numru. 1226/2003

**Pater Finance
Company Limited**

**Vs**

**Emanuel Camilleri u
martu Doreen Camilleri**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta’ Lm747.00c (seba’ mija u sebgha u erbghin lira Maltin) rappresentanti import ta’ ghaxar (10) kambjali, wahda ta’ Lm9.00c (disa’ liri Maltin) (bilanc) u disgha (9) ta’ Lm82.00c (tnejn u tmenin lira Maltin) il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Settembru 2002 sa Gunju 2003 rispettivament u mhux imhallsa, annessi ma’ l-Avviz bhala dokumenti numri minn 1 sa 10 konsekuttivament u nklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-2 ta' Gunju, 2003 jammontaw ghal Lm22.00c (tnejn u ghoxrin lira Maltin), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi Lm6.00c (sitt liri Maltin) tal-konsult legali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuti baqghu kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------